TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 27/18-F

**Carmel Grech**

**vs**

**International Sales Direct Co. Ltd.**

Illum 19 ta' Ġunju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elfejn u tliet mitt ewro (€2,300), rappreżentanti kumpens tad-dawl li tilef mill-pannelli u qed jitlob ukoll li jċaqalqulu l-pannelli solari.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara pannelli solari mingħand id-ditta ntimata u wara li waħħluhomlu f'post, reġgħu ċaqalquhom minn fejn kienu għax hekk ried. U wara li ċaqalquhom it-tieni darba, ried li jerġgħu jċaqalquhom it-tielet darba għax skond hu ma kienx qed jieħu biżżejjed minnhom għax kienu fid-dell.

L-intimat issottometta illi kull ma kien hemm hija parti minn pannella waħda li kienet fid-dell u l-pannelli li kienu tajbin kienu qed jagħtuh biżżejjed output biex jieħu s-sussidju mingħand il-gvern.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi mhix ġusta li r-rikorrenti jitlob tliet darbiet biex iċaqalqulu l-pannelli, meta t-tieni darba kien insista hu stess biex jiċċaqalqu u jerġa' jidħol fi spiża. Għar-rigward l-output, jidher illi l-output qiegħed jingħata lilu skond kif miftiehem oriġinarjamanet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888